MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 652/2003

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bħala mandatarja speċjali tas-soċjetà estera *Ravex International BV* u in rappreżentanza ta' l-istess**

***Versus***

***The Veg. Point Ltd***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-prezz ta' frott u ħxejjex mibjugħa lis-soċjetà konvenuta.
Qabel ma nbeda s-smigħ tal-kawża, il-partijiet laħqu ftehim u, b'nota tat-22 ta' Diċembru 2003, flimkien talbu li tingħata din is-sentenza.
Il-qorti għalhekk, wara li rat in-nota tal-partijiet, hekk taqta' din il-kawża:
Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi daqskemm jiswew sbatax-il elf euro (€17,000), b'dan illi għandha taqta' dan id-dejn billi tħallas daqskemm jiswew elfejn u ħames mitt euro (€2,500) kull xahar, u b'dan ukoll

illi fuq il-bilanċ igħaddi mgħax kummerċjali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi, li jitħallas f’salt flimkien ma’ l-aħħar ħlas tal-kapital. L-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------